# L-Istorja tal-Gzira minn Joe Ian Attard



Is-subborg tal-Gżira jidher li għandu storja riċenti, iżda jekk tmur lura fiż-żminijiet, tintebaħ li ġrajjet il-Gżira hija marbuta ħaġa waħda mal Gżira Manoel. Is-sena d-dieħla nagħlqu mitt sena mit-tfiħ tal-ġebla.

L-isem GŻIRA żgur li m'hemmx problemi ta' oriġini topografika. L-isem ħadnieh mill 'GŻIRA TAL-ISQOF' għax hekk kienet tissejjaħ sakemm il Granmastru JEAN PAUL LASCARIS ( 1636-1657 ) fis sena 1643 bena sptar ta' kwarantina. Fl-imgħoddi mard infettiv bħall-pesta u l-kolera kienu ta' spiss jeqirdu ħajjet ta' eluf ta nies anke f'Malta. Dan l-isptar kien ta' ħtieġa kbira. Illum nafu din il-Gżira bħala 'Manoel Island' għaliex kien il Gran Mastru portugiż ANTONIO MANOEL DE VILHENA (1722-1736) li bena bi flusu il-Forti Manoel fis-sena 1726. Din il-fortizza hija meqjusa bħala kapolavur tal-inġinerija militari tas-seklu tmintax. Hu maħsub li kien il-perit LOUIS D'AUBIGNÈ de TIGNE' li ħażżeż il-pjanta tal Forti, iżda kien sieħbu il- perit CHARLES F. de MONDION li modifika il-pjanta tal-forti u ssorvelja x-xogħol ta' kostruzzjoni. Dan il-perit jinsab midfun fil-kripta tal-fortizza. Qabel ma nbniet il-fortizza kien hemm diversi proposti ta fortifikazzjoni. Waħda minn dawn il-proposti kienet li tinbena Belt imħarsa fis-swar fuq il-Gżira Manoel. Li kieku seħħ dan, żgur li għandna storja differenti minn kif nafuha llum. Iżda il-Gran Kunsill tal-Ordni pprefera il-proposta li tinbena fortizza ta' ħames mitt suldat. Fil-pjazza inbniet kappella sabiħa ddedikata lill-Sant Antnin ta' Padova, il-qaddis prottetur tal Granmastru Manoel. Ftit nies jafu li din il-kappella kella d-dinjita ta' Parroċċa Militari, jiġifieri parroċċa fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann. L-Isqof Djoċesan ma kellu ebda dritt ta' ġurisdizzjoni fuq din il-knisja għax kienet propjeta' tal-ordni Ġerosolmitan. L-ewwel rettur tal-kappella kien DUN FEDERICO ATTARD li waqqaf żewġ frattellanzi wkoll. Hija ħasra kbira li kappella Barokka bħal din titħalla mfarrka hekk. Niftakru li l-ingliżi taw libsa navali u marittima lill-Forti li beda jissejjaħ H.M.S Talbot u wara H.M.S Phoenicia. U ħtija tan-Navy ingliża li f'Marzu 1942 ġiet milquta mill 'LUFTWAFFE' (qawwa tal-ajru) nażista fi żmien il-gwerra. Wieħed jispera li fil proġett maħsub, din il-kappella terġa tinbena biex titgawda minn kulħadd. Jekk din il kappella tintuża għall kult divin, il parroċċa tal-Gżira għandha l-jedd li tieħu ħsieb pastoralment ir-residenti futuri f'Manoel Island. Ma ninsewx li l-Gżira Manoel hija parti mill-limiti tal-parroċċa tagħna.

Bħalma l-Gżira qabel kienet tal-Isqof, il-medda art tal-Belt, tas-Sliema, Gżira, Msida, u San Ġiljan kienu propjeta tal-familja nobbli SCIBERRAS TESTAFERRATA. Wieħed mill-antenati ta' din il-familja illustri, FRA NICOLA TESTAFERRATA wessa' triq antika ( mogħdija ) fis-sena 1796 kif tixhed il-lapida fuq il–bieb prinċipali li jinsab fi triq Jerry Zammit ħdejn Muscat's Garage. Dan il-bieb għandu bżonn dawra sewwa. Fi triq D'ARGENS kellna ukoll dar tal-villeġjatura tal-kavallier D'ARGENS li għada teżisti sal lum fi triq Cuschieri. Grazzi għal dan il-kavallier fil-GŻIRA għandna l-uniku triq msemmija bil-lingwa franċiza f'Malta – RUE D'ARGENS.

L-Art fix-xatt kienet mogħxa fi ftit għelieqi. In-naħiet tal-Gżira, L-Imsida, Tas-Sliema kienu jagħmlu mal-parroċċa Elenjana ta' Birkirkara. Iżda ġara li meta l-knisja tal-Madonna Kewba tal-Baħar f'tas-Sliema saret Parroċċa f'Diċembru 1878, il-Gżira ingħaqdet mal-parroċċa Slimiża. Ta min jinnota li f'indirizzi qodma, rari

saret riferenza għall–Gżira direttament iżda x-xatt tal-Gżira kien jitqies bħala 'MOLO di SLIEMA' u aktar tard 'MOLO SLIEMA/GZIRA'.

Il-preżenza tan-Navy Ingliża fil-port ta' Marsamxett ġabet attività kummerċjali fl-inħawi. Kienu dawn iċ-ċirkostanzi li seħħ l-inċident tat-tfiegħ tal-Ġebla fl-10 ta' Lulju 1902. Dan l-inċident kellu jbiddel l-istorja riċenti tal-Gżira. Aħna l-Gżirjani nafu sew x'ġara dakinhar. Hawnhekk nixtieq li nħarrsu lejn dan il-fatt b'lenti differenti. Wieħed jistaqsi, għaliex dan il-każ seraq l-attenzjoni ta l-awtoritajiet militari, ċivili u ekklesjastiċi ta dak iż-żmien ? Il-kurja mixiet bi prudenza meqjusa. tant li qabbdet żewġ periti magħrufa GALIZIA w TREVISAN biex jeżaminaw sewwa l-każ. Dawn il-periti ġew 'in situ' ( fil-post ) u wara li ħadu d-dettalji meħtieġa, għamlu rapport lill-Isqof PIETRU PACE ( 1889-1914 ). Għaliex ħaduha daqshekk bi kbira, meta seta jintesa faċilment dan il-każ ? Niftakru li l-offiża ġiet mwettqa mill-barrani, li kien ilu jaħkem Malta għall-mitt sena . Għal dan ir-raġuni il-Maltin ħaduha b'insult lejn il-kult kattoliku. Il-mentalita ta' dak iż-żmien kienet aktar Bigotta min tal-lum. Dak iż-żmien ma kienx hemm permissivita totali bħall-qegħdin ngħixu kuljum. Nixtieq ukoll nagħti xi ħjiel tal-qagħda soċjo-politika ta dak iż-żmien, jiġifieri 1902.




F'dak iż-żmien Malta kienet kolonja ingliża u l-imperu Brittaniku kien fl-aqwa tiegħu. Il-mexxejja tal-Maltin kienu f'battalja kontinwa ma l-awtoritajiet imperjali ingliżi biex jiksbu aktar awtonomija. Wara ħafna taħbit fl-1887 il-kunsulent legali ingliż KNUTSFORD ġie mibgħut minn Londra biex jagħtina kostituzzjoni kondizzjonata, fejn għaxar membri tal-kunsill kellhom jiġu magħżula mill-Gvernatur u għaxar membri l-oħra eletti mis-sinjuri u l-'inteliġentia' Maltin. Kif illum ninsabu maqsuma fuq is-Sħubija tà Malta fl'Unjoni Europea, il-poplu kien wkoll ipprelansjat fuq il-kwistjoni tal-lingwa fil-bidu tas-seklu għoxrin. Din kienet polemika jekk l-ingliż għandux jieħu post it-taljan fil-qrati maltin. Din il-polemika baqgħet tkarkar sa qabel it-tieni gwerra dinjija.



Min kien KARMNU BRINCAT sid il-ħanut tax-xorb? Tgħid kien partitarju, Karmelitan Belti? Kienu ħafna Beltin li ġew joqgħodu fil-Gżira fil-bidu tal-iżvillup demografiku ta' Beltna. Tgħid Karmnu Brincat kien terzjarju Karmelitan biex dendel xbieha tal-Madonna tal-Karmnu mal-faċċata tal-ħanut tax-xorb ? Li hu żgur li din id-devozzjoni lejn il-kult karmelitan wrietha min xi ħadd jew minn x'imkien.

Il-kappillan ta' Stella Maris DUN VINCENZ MANCHE' (parrokat 1879-1918 ) iddelega lill-ħuħ DUN ANTON MANCHE' ( 1869-1935 ) biex jaqla l-ġebla w jtella miegħu n-niċċa għall-knisja parrokjali fejn saru tlett ijiem ta riparazzjoni lil Marija Santissima.

Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'dawn l-inħawi m'hiex xi ħaġa ġdida. Fil-parroċċi ta' Stella Maris u l-Imsida kienu jsiru festi kbar għad unur il-Madonna tal-Karmnu. Dawn jixhduh il-gazzetti tal-epoka. Fiż-żewġ knejjes ewlenin Slimiżi insibu kwadru u artal ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Fil-parroċċa ta' Stella Maris kienet issir festa kbira, iżda meta nġiebet l-istatwa artistika ta Stella Maris minn Franza, il festa tal-Karmnu kella tiġi oppresa. L-istess ġara fil-parroċċa tal-Imsida. Hawn kienet issir festa kbira f'Lulju għax il-festa ta' San Ġużepp kienet tiġi ċċelebrata f'April, iġifieri il-Patronċinju tal-Patrijarka Qaddis. Fl-1900 il-festa ta' San Ġużepp ġiet trasferita għat-tielet Ħadd ta' Lulju, allura l-festa Karmelitana fl-Imsida kella tiġi mwarrba wkoll. Żgur li l-anzjani tagħna jiftakru it-tiġrija tal-bhejjem fil-festa tal-Kamrnu meta l-Gżira kienet għada ma zvillupatx. Ma nkunx qiegħed nivvinta xi teorija storika jekk nistqarr li t-tfiegħ tal-ġebla ikkonsolida l-kult Karmelitan ġo beltna.

Hawnhekk wieħed josserva li l-parroċċa tagħna hija l-ewwel parroċċa f'Malta ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu wkoll l-uniku parroċċa Karmelitana mmexxija mill-Kleru djoċesan u mhux mill-patrijiet Karmelitani. Fatt kurjuż li ġara matul il-parrokat tal-mibki Dun Karlu Manche (1905-1950) jsaħħaħ l-argument tiegħi. Dun Karlu kiteb lill-Arċisqof E.T Mikiel Gonzi (1885-1984) fejn talab biex hu (Dun Karlu) jirreżenja minn Kappillan, jidħol patri Karmelitan u jingiebu l-Patrijiet Karmelitani ġol-Gżira biex jieħdu ħsieb il-ħidma pastorali tal-Parroċċa tagħna. Kif kien mistenni il-kurja arċiveskovali opponiet bil–qawwa għall-proposta tal-kappillan Manche'. Hawn ukoll nosserva li l-providenza divina niżlet l-ewwel żminijiet tal-Parroċċa Gżirjana ma żewġ kappillani bil-kunjom Manche'. Dun Anton (1869-1935 ) ħabrek biex illum ingawdu tempju kbir w arjus, filwaqt li Dun Karlu b'mod ieħor mexa fuq il-passi tal-kurat ta' ARS, San Ġwann Maria Vianney fejn il-ħidma pastorali tiegħu





wettaqgħa b'mod eroiku. Il-bust tiegħu flimkien ma lapida ffakruna fih , 'IPPRIEDKA U GĦEX IL-VANĠELU' ftit kliem li jfissru kollox.

Jekk niġu għal primati, nosservaw wkoll li l-banda Mount Carmel hi l-uniku waħda f'Malta li twaqqfet fi ħdan l-azzoni Kattolika. Peress li Dun Karlu kien mużiċist prim, ħabrek biex illum għandna l-banda tagħna. Osservazzjoni oħra minn fost ħafna baned Maltin għandna biex inkunu kburin li fuq l-istandard tal-banda ingibu l-istemma tal-Madonna AM ( Ave Maria ) u mhux il- Lira ( Arpa ) simbolu tal-Mużika.

Naħseb aħjar nagħlaq hawn għax hemm ħafna xi tgħid fuq il-Gżira. Nispera li s-sena d-dieħla nkompli naqsam magħkom spunti oħra fuq it-twaqqif tal-Parroċċa tagħna.

Nawgura suċċess lill-Banda Mount Carmel u nawgura l-festa tajba lill Gżirjani kollha. Il-Madonna tħarisna u tbierek lill-Parroċċa.

VIVA L-MADONNA TAL-KARMNU

JOE IAN ATTARD


# SWIFT
# TYRE SERVICE

**VULCANIZER**
**& CAR ACCESSORIES**
**BATTERIES**
**& ALLOY WHEELS**



***SLIEMA ROAD GZIRA***
***TEL: 316431***